1/4
31

Pass on to Box 40
Riforma Kostituzzjonali.

**Assocjazzjoni tal-Imhallfin u l-Magistrati**
Qrati tal-Gustizzja
Triq ir-Repubblika
Valletta, Malta

**L-Eccellenza Tieghu l-Onorevoli President ta' Malta**
**Dr. George Vella**
**Palazz tal-President**
**Pjazza San Gorg**
**Triq ir-Repubblika**
**Valletta**
**Malta**

**Eccellenza President Dr. George Vella**

**Referenza: Riforma Kostituzzjonali**

Niktbu fil-vesti taghna ta' President u Segretarju tal-Assocjazzjoni tal-Imhallfin u l-Magistrati sabiex, wara konsultazzjoni mal-membri tal-istess Assocjazzjoni, nwasslulek il-proposti tal-Assocjazzjoni ghar-Riforma Kostituzzjonali kif immexxiha mill-Kummissjoni preseduta mill-Eccellenza tieghek.

Fl-ewwel lok nixtiequ nipreċizaw li l-proposti tal-Assocjazzjoni huma relatati biss ma' dawk il-provvedimenti fil-ligi li jolqtu direttament il-gudikatura u mhumiex intizi bl-ebda mod li jsiru xi suggerimenti jew mod iehor ghall-bqija tar-riforma fil-Kostituzzjoni.

Fit-tieni lok qed nghaddulek permezz ta' din l-ittra l-proposti kif isegwi:

1. L-Assocjazzjoni taghmel referenza ghall-artikolu 97 tal-Kostituzzjoni li jitratta t-'Tizmim ta' kariga ta' imhallfin' li fl-ewwel sub-artikolu tieghu jindika li l-kariga ghandha tigi vvakata fl-eta' ta' hamsa u sittin sena (65) u ninsabu awtorizzati sabiex ninfurmawk li wara bosta diskussjonijiet bejn il-membri tal-Assocjazzjoni, fil-principju, hemm qbil li l-eta tal-irtirar titla ghal dik ta' tmienja u sittin sena (68) flok dik prezenti ta' hamsa u sittin (65) sena b'dana izda:

a) li l-irtirar ghandu jkun fakultattiv ghall-gudikant bejn l-eta ta' hamsa u sittin sena (65) sa tmienja u sittin sena (68) u cioe' fl-ahhar tlett snin;

b) illi tali proposta u konsegwenti emenda fil-Kostituzzjoni, jekk implimentata, bl-ebda mod ma ghandha tigi nterpretata li b'xi mod taffettwa

b'mod negattiv d-drittijiet ta' hlas ta' pensjoni tal-gudikant (skont l-eta applikabbli ghal kull gudikant) nkluz il-pensjoni tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali u d-drittijiet gia ezistenti dwar irtirar tal-gudikanti.

2. Illi b'referenza ghall-istess artikolu 97 izda paragrafu (2) tal-Kostituzzjoni, liema artikolu sal-lum jiprovdi li ebda gudikant ma jista' jitnehha mill-kariga tieghu hlief mill-President wara indirizz mill-Kamra tad-Deputati li jkollu favur tieghu l-vot ta' mhux anqas minn zewg terzi tal-membri taghha kif ahjar espost fl-istess sub-artikolu, l-Assocjazzjoni tixtieq tinfurmak kif isegwi:

a) li hija assolutament kontra kwalunkwe proposta sabiex il-poter li jintehha gudikant mill-kariga tieghu ma jibqax **unikament** jiddependi fuq decizjoni ta' zewg terzi tal-Kamra tad-Deputati kif gia provdut fl-atikolu 97 (2) tal-Kostituzzjoni. L-Assocjazzjoni tqis li kwalunkwe alternattiva ohra ghal dik ezistenti, nkluz xi proposta biex din issir permezz ta' decizjoni unanima tal-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni ta-Gustizzja b'eskluzjoni tal-Kamra tad-Deputati, timmina l-iskop ta' dan is-sub-artikolu li huwa ntiz sabiex jiprovdi ghas-'security of tenure' tal-gudikanti u cioe' ghas-serhan ta' mohh tal-gudikant fl-adempjiment tal-kariga kostituzzjonali tieghu.

b) Illi dwar id-decizjoni tal-Kamra tad-Deputati kif tista' tirrizulta ai termini tal-artikolu 97 (2) l-Assocjazzjoni qed tiproponi li jkun hemm dritt ta' appell mill-istess quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

3. B'referenza ghall-artikolu 101 A sub-artikolu (4) (a) (i) tal-Kostituzzjoni, l-Assocjazzjoni tiproponi li flimkien mal-persuni gia ndikati, li allura ma jikwalifikawx bhala li jkunu jistghu jinhatru jew ikomplu fil-kariga ta' membru tal-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja, ghandhom jizdiedu l-karigi:

a) tal-Awditur Generali,
b) tal-Kummissarju tal-Pulizija u
c) ta' kwalunke persuna ohra li rizultat tal-kariga tieghu jew taghha jaghti decizjonijiet jew rakomandazzjonijiet, amministrattivi jew mod iehor mill-liema decizjonijiet/rakomandazzjonijiet il-ligi tiprovdi ghal-appell quddiem il-Qrati.

4. B'referenza ghall-artikolu 101 B tal-Kostituzzjoni li jiprovdi dwar id-Dixxiplina ta' Mhallfin u Magistrati permezz ta' Kumitat ghall-Imhallfin u l-Magistrati, l-Assocjazzjoni qed tiproponi li f'kaz li jigi ntavolat appell mid-decizjoni tal-istess Kumitat, il-Kostituzzjoni ghandha tiprovdi specifikatament ghal sospensjoni tal-effetti tad-decizjoni tal-Kumitat sakemm l-appell jigi deciz b'mod finali.

Qieghdin ghaldaqstant inwasslu dawn il-proposti ghas-savju gharbiel da parti tal-Eccellenza tieghek u tal-Kummissjoni mmexxija minnek filwaqt li l-

Kumitat tal-Assocjazzjoni jinfurmak li huwa a disposizzjoni tal-Kummissjoni f'kaz li jkun hemm bzonn xi kjarifika jew mod iehor dwar dak propost f'din l-ittra.

Kopja ta' din l-ittra bir-rakomandazzjonijiet kontenuti fl-istess qed tinbaghat ukoll lill-Onorevoli Prim'Imhallef Dr. Joseph Azzopardi u l-Onorevoli Ministru ghall-Gustizzja Dr. Owen Bonnici.

Nirringrazzjawk tal-attenzjoni u nsellu ghalik,

Onor. Imhallef Dr. Toni Abela
President

Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri
Segretarju